MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 210/2011

**Talba Nru: 210/2011VGD**

SeaNav Maritime Services Limited (C-37478).

Vs

Etralia Limited (C30967).

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenuti tawha struzzjonijiet ghas-servizzi ta' garr ta' merkanzija u servizzi relatati; illi tax-xoghol li ghamlu fuq dan l-inkarigu l-esponenti hargu invoices bin-numri 20090253 u 20090338 datati 6 ta' Gunju 2009 u 16 ta' Lulju 2009 rispettivament bl-ammonti ta' disa mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€979.54) u elf, mitejn u wiehed u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€1281.12) rispettivament; illi l-

konvenuti gew interpellati ghall-hlas ta’ l-ammont totali ta’ elfejn, mitejn u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€2260.66), izda baqghu inadempjenti; ghaldaqstant l-esponenti qedin jitolbu l-hlas ta’ dan l-ammont minghand il-konvenuti, bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elfejn, mitejn u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€2260.66), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------